MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2013

Numru 550/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**VS**

**Anthony Said ta’ 39 sena, bin Peter u Carmela nee’ Vella, imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-22 ta’ Marzu 1974, residenti fil-fond Tony & Theresa, Triq Ulisse, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta ta’l-identita numru 8474(G)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Anthony Said akkuzat talli nhar il-11 ta’ Lulju 2008 ghal habta ta’ 16:15 hrs gewwa Ta’ Dirjanu Supermarket li jinsab fi Triq il-Qasam San Gorg, Rabat Ghawdex ikkometta:

a) serq ta’ oggetti li jikkonsistu f’erba’ toothbrushes, deodorant tal-marka Nivea u erba deodorant roll-on tal-marka Dove, liema serq jammonta ghall-30.00Ewro, a detriment ta’ Joseph Agius.
b) U aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi l-imputat inqabad fil-fatt jisraq mis-supermarket Ta’ Dirjanu gewwa r-Rabat Ghawdex. Huwa seraq xi oggetti konsistenti f’erba *toothbrushes*, *deodorant* tal-marka Nivea u erba *deodorant roll-on* tal-marka Dove. Mark Agius ighid illi huwa kien ilu ghassa ghall-imputat ghal xi granet meta kien josservah jidhol u johrog mill-hanut u jixtri xi affarijiet zghar. Ighid illi fil-jum in kwistjoni huwa rah jittawwal biex jara jekk kienx hemm xi hadd qed josservah. Ghalhekk qabel ma hareg mill-hanut Agius ighid li sejjahlu u dahhlu gewwa l-istores. Ighid illi fil-but tal-qalziet ta’l-imputat sab l-oggetti in kwistjoni. Joseph Agius, sid l-hanut ighid illi hu kien waqqaf lill-imputat li kien ukoll ammetta mieghu li kellu xi oggetti misruqa fuqu. Ighid illi dana jidher fuq il-filmat tac-CCTV li ghandhom fil-hanut. Dana il-filmat, madankollu qatt ma gie esebit in atti.

Isir rapport lill-pulizija. L-imputat jigi arrestat u interrogat u jammetti li ikkometta dina is-serqa.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-provi inkonfutabbli l-Qorti ma ghandhiex l-icken dubbju dwar ir-reita ta’l-imputat.

Illi dwar l-akkuza tar-recidiva jidher illi l-unika sentenza li giet esebieta mill-prosekuzzjoni hija sentenza ta’ dina l-Qorti kif ippresjeduta tat-22 ta’ Mejju 2008 fejn gew applikati il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 fil-konfront tieghu. Kwindi billi din mhijiex kundanna skond il-ligi, l-istess ma tapplikax ai fini tal-akkuza tar-recidiva u ghalhekk l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta’l-ewwel akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta’ xahar prigunerija.

Finalment il-Qorti tordna ir-rilaxx tad-Dokument D favur l-parti leza Joseph Agius.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------